**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tal-lum il-Gimgha 6 ta' Mejju, 2016**

**Rikors numru 459/2015 (JVC)**

**Registratur, Qrati u Tribunali (Ghawdex)**

**-vs-**

**Noel Holland**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Noel Holland tal-15 ta' Lulju 2015 fejn espona:

Illi b'ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 2015 Dottor Mary Debono Borg, Registratur Qrati u Tribunali Ghawdex interpellat lill-intimat biex ihallas is-somma ta' hames mija sebgha u erbghin euro u erbghin euro centezmi (€547.40) bilanc dovut bhala dritt tar-registru in konnessjoni mal-kawza 28/99PC fl-ismijiet "Anthony Holland et vs John Buttigieg et" deciza mill-Qorti fil-21 ta' Ottubru 2005.

Illi l-intimat m'ghandu jaghti xejn lir-Registratur Qrati u Tribunali Ghawdex u t-talba tar-Registratur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk b'dan ir-rikors qed jopponi t-talba ta' l-istess Registratur Qrati u Tribunali Ghawdex.

Illi t-talba hija nfondata stante illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 G tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bla pregudizzju ghall-premess huwa mhux debitur tar-rikorrenti Registratur Qrati u Tribunali, Ghawdex stante illi l-intimati fil-kawza citata huma nies ohra u ghalhekk galadarba dan huwa debitu civili, qatt ma jista' jkun hemm is-solidarjeta'.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta tar-Registratur Qrati u Tribunali (Ghawdex) datata 28 ta' Awwissu 2015 fejn ippremettiet:

Illi r-rikorrent Noel Holland kien wiehed mill-atturi fil-kawza numru 28/99(PC) illi giet deciza minn dina l-Onorabbli Qorti u ghaldaqstant huwa solidament responsabbli flimkien ma' l-atturi l-ohra ghad-dritt tar-registru.

Illi l-preskrizzjoni nvokata mir-rikorrenti ma tistax tintlaqa' ghaliex huwa nkoncepibbli u guridikament insostenibbli illi r-rikorrent iqajjem il-preskrizzjoni u fl-istess nifs jargumenta illi si tratta minn debitu civili illi m'huwiex dovut minnu solidament.

Ghaldaqstant ir-rikors odjern ghandu jigi respint bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha.

Rat in-nota tar-Registratur Qrati u Tribunali, Ghawdex tas-6 ta' Mejju 2016 fejn gew ammessi t-talbiet kontenuti fir-rikors odjern.

Tilqa' t-talba ta' Noel Holland u tiddikjara li r-rikorrent m'ghandu jaghti xejn lir-Registratur intimat.

Bl-ispejjez kontra r-Registratur Qrati u Tribunali, Ghawdex.

Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat